MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Rikors Numru. 447/2007

**Fl-atti tas-Subasta Numru 113/06**
**Fl-ismijiet:-**
**Alf Mizzi & Sons (Marketing) (C 8692)**
**vs**
**Joanna Mifsud Sciberras, Antoine Mifsud u JT Sciberras Limited**

## Il-Qorti

## Preliminari

B'rikors datat 22 ta' Marzu 2007 a fol. 84 Sergio Sciberras talab lill dina l-Qorti biex a termini ta' l-artikolu 337 u 338 tal-Kap 12 tapprova t-tpacija tal-vettura mibjugha bl-irkant in kwistjoni ma' l-ammont ta' Lm3,500 offrut minnu animo compensandi.

B’degriet ta’ l-istess gurnata l-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lid-debitur u lill dawk kollha li ghamlu l-opposizzjoni jew li hargu mandati.

Fit-30 ta’ Marzu 2007 Alf Mizzi & Sons ipprezentaw risposta (ara fol 93) fejn opponew li tintlaqa’ t-talba ghall approvazzjoni tat-tpacija ghar-ragunijiet indikati fl-istess risposta.

Il-Qorti appuntat ir-rikors ta’ Sergio Sciberras tat-22 ta’ Marzu 2007 ghas-smigh ghat 18 ta’ Mejju 2007;

Il-Qorti semghet lill difensuri tal-partijiet jittrattaw u halliet ir-rikors ghal lum ghall-provvediment.

**Fatti**

Illi jkun utili li qabel ma l-Qorti tezamina s-sottomissjonijiet tal-partijiet u taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha, telenka fil-qosor kif graw il-fatti li wasslu ghal dina l-vertenza.

Alf. Mizzi & Sons kienu pprezentaw ittra ufficjali fil-5 ta’ Settembru 2006 (ara fol 9) kontra Joanna Mifsud Sciberras, Antoine Mifsud, u J.T.Sciberras Ltd, a tenur ta’ l-artikolu 166A tal-Kap 12 ghas-somma ta’ Lm4,985.00 bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija oltre l-imghax. Joanna Sciberras giet notifikata fit-12 ta’ Settembru 2006 b’din l-ittra ufficjali (fol 10).

Fid-9 ta’ Ottubru 2006 Joanna Sciberras tikkostitwixxi ruhha irrevokabilment u nkondizzjonalment bhala vera certa u likwida debitrici ta’ Sergio Sciberras (iz-ziju taghha) fis-somma ta’ Lm11,578 u l-imghax ghal bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija mibjugha lilha u ghamlet Ipoteka Generali a favur tieghu.

Fil-25 ta’ Ottubru 2006 Alf Mizzi & Sons johorgu mandat ta’ qbid kontra Joanna Mifsud Sciberras et (fol 2) u tinqabdilha Vettura Opel Astra JOO002.

Fl-14 ta’ Novembru 2006 Alf Mizzi & Sons jipprezentaw rikors (a fol 1) biex issir is-subasta tal-oggetti maqbuda u s-subasta tigi appuntata ghall-21 ta’ Marzu 2007 (fol 12).

Fis-16 ta’ Marzu 2007 (ara fol 15) Sergio Sciberras jipprezenta nota fejn oppona kwalunkwe talba li saret jew li ghad tista’ ssir minn Alf Mizzi & Sons ghal offerta *animo compensandi* fir-rigward tal-vettura maqbuda billi kellu kreditu li jippregradwa dak ta’ Alf Mizzi & Sons.

B’rikors ta’ l-istess data, cjoe 16 ta’ Marzu 2007, Sergio Sciberras talab li jigi awtorizzat joffri *animo compensandi* u fl-20 ta’ Marzu 2007 (gurnata qabel is-subasta) l-Qorti tilqa’ t-talba u tordna n-notifika skond il-Ligi.

Is-subasta issir fil-21 ta’ Marzu 2007 u n-notifika tar-rikors *animo compensandi* tithallas dak in nhar tas-subasta u jigi notifikat lill Alf Mizzi & Sons fit-22 ta’ Marzu 2007 (skond Alf Mizzi & Sons wara li saret is-subasta).

Fit-22 ta’ Marzu 2007 Sergio Sciberras jipprezenta cedola a tenur ta’ l-artikolu 337(2) Kap 12 fejn iddepozita l-ispejjez li ghamel il-kreditur ezekutant (fol 77).

Fl-istess data (22/3/07) Sergio Sciberras talab (ara fol 84) li l-Qorti tapprova t-tpacija tal-vettura mibjugha bl-irkant ma’ l-ammont ta’ Lm3,500 offrut minnu *animo compensandi.*

Ghal dina t-talba saret opposizzjoni minn Alf Mizzi & Sons.

**Kontestazzjoni**

Alf Mizzi & Sons qed jikkontendu li r-rikors li Sergio Sciberras li joffri *animo compensandi* ghandu jigi kunsidrat bhala null ghaliex ma gietx segwita l-procedura konsegwentement ir-rikors sussegwenti biex issir it-tpacija m’ghandux jigi milqugh.

Ir-rikorrent wiegeb li r-rikors ghat-tpacija ghandu jigi milqugh billi ma kien hemm ebda kreditu fabbrikat u l-procedura giet segwita regolarment.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mill ezami tad-dokumenti ezibiti jirrizulta li n-nota ta' Sergio Sciberras tas-16 ta' Marzu 2007 (a fol 43) biex jidhol bhala esekutant fl-atti tas-subasta in kwistjoni a tenur ta' l-artikolu 346 tal-Kap 12 ma gietx notifikata lill esekutant kif jirrikjedi l-istess artikolu u ghalhekk dan qatt ma sar jaf bl-interess ta' Sergio Sciberras f'dina s-subasta hlief meta saret is-subasta.

Ir-rikors ta' l-istess data (ara fol 72) biex Sergio Sciberras joffri *animo compensandi* ukoll ma gietx notifikata lill esekutant qabel is-subasta biex dan ikun jista' jirregola ruhhu jew jopponi l-offerta' *animo compensandi.* (kif ir-rikorrent qed jaccetta li l-esekutant kellu dritt li jopponi (ara 4 iv tar-risposta tar-rikorrent). Jirrizulta li n-notifika thallset dak in nhar tas-subasta u l-esekutant isostni li hu gie notifikat l-ghada tas-subasta. Fil-fatt saret risposta ghaliha fit 28 ta' Marzu 2007. Ghalhekk Sergio Sciberras offra u xtara *animo compensandi* minghajr ma' l-esekutant kien jaf li hu kien qed joffri *animo compensandi.*

Kuntrarjament ghal dak li qed isostni r-rikorrent, meta Alf Mizzi & Sons ipprezenta il-mandat ta' qbid hu ma kienitx qed tirrinunzja li topponi ghall eventwali talbiet ghall offerti *animo compensandi* li setghu jsiru 'l quddiem.

Il-Qorti tqies tali nuqqas fin-notifiki bhal gravi u jgibu n-nullita' ta' l-istess atti.

Dwar jekk il-kreditu ta' Sergio Sciberras hux fabbrikat jew le, il-Qorti hi tal-fehma li l-allegazzjoni tas-socjeta Alf Mizzi & Sons mhiex frivola u vessatorja, pero' din mhiex is-sede fejn tali kwistjoni ghandha tigi rizolta.

**Fir-rigward tar-rikors tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali.**

Fir-rikors tieghu datat 27 ta’ April 2007 fl-atti ta’ dawn il-proceduri d-Direttur tal-Qorti talab li jigi appuntat kunsinnatarju biex jiehu hsieb il-vettura J00 002. Is-socjeta’ Alf Mizzi & Sons wiegbet li mhemmx lok li jigi nominat kunsinnatarju u li l-vettura ghandha tibqa’ fil-kustodja tal-Qorti sakemm tinbiegh.

In vista tad-decizjoni tallum il-Qorti ghalhekk tordna li l-vettura tibqa’ fil-kustodja tal-Qorti salv kull pretenzjoni li jista’ jkollu d-Direttur tal-Qorti fir-rigward ta’ spejjez inkorsi meta tigi deciza finalment il-vertenza.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tichad it-talba ta’ Sergio Sciberras tat-22 ta’ Marzu 2007 ghall approvazzjoni tat-tpacija;
Tordna l-bejgh mill-gdid tal-vettura in kwistjoni;
Spejjez ta’ dawn il-proceduri ghall Sergio Sciberras.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------